



Brussell, 14 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16653/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0028(COD)**

**CODEC 2461
JUSTCIV 193
JAI 1655
JAIEX 95
AL 14
PE 157**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-11 sal-14 ta' Diċembru 2023)

I. INTRODUZZJONI

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), Adrián VÁZQUEZ LÁZARA (Renew, ES), ippreżenta f'isem il-JURI emenda ta' kompromess (l-emendi numru 1 sa 12) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq, li għaliha Ilana CICUREL (Renew, FR) kienet ħejjiet abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Diċembru 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emendi numru 1 sa 12) għall-proposta għal Deċiżjoni msemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif stabbilita fl-Anness għal dan id-dokument¹.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2023)0448

Awtorizzazzjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali (COM(2023)0065 – C9-0019/2023 – 2023/0028(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0065),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0019/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-31 ta' Ottubru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0356/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jissuġġerixxi li l-att jiġi kkwotat bħala d-“Deċiżjoni Cicurel dwar awtorizzazzjoni li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali”;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-12 ta' Diċembru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2023.

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra tat-8 ta' Diċembru 2016, Franza talbet li tingħata s-setgħa mill-Unjoni biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali. L-għan kien li jiġu mmodernizzati u kkonsolidati t-tliet ftehimiet bilaterali tal-1962, l-1964 u l-1980 li huma fis-seħħ.
- (2) Franza pprovdiet informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li ■ minħabba r-rabtiet ekonomiċi, kulturali, storiċi, soċjali u politiċi eċċezzjonali li għandha mal-Alġerija, ***Franza għandha interess speċifiku li tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija, li l-abbozz tiegħu ġie trażmess lill-Kummissjoni.***
- (3) B'mod partikolari, Franza pprovdiet data dwar l-għadd kbir ta' ċittadini Alġerini li jgħixu fit-territorju tagħha u dwar l-għadd ta' ċittadini Franċiżi li jgħixu fl-Alġerija kif ukoll dwar l-importanza speċifika tal-iskambji kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi.
- (4) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Alġerija huma bbażati fuq il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra² (il-“Ftehim Ewro-Mediterranju”), li daħal fis-seħħ fl-2005. Il-Ftehim Ewro-Mediterranju jikkostitwixxi l-qafas legali li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet fi kwistjonijiet ekonomiċi, kummerċjali, politiċi, soċjali u kulturali.

² ĠU L 265, 10.10.2005, p. 2.

- (5) L-Artikolu 85 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jistipula li l-kooperazzjoni fl-oqsma legali u ġudizzjarji hija essenzjali u hija żieda meħtieġa mal-forom l-oħra ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Alġerija previsti fil-Ftehim Ewro-Mediterranju, u li tali kooperazzjoni tista' tinkludi, fejn xieraq, in-negozjar ta' ftehimiet f'dawk l-oqsma.
- (6) Ir-relazzjoni tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali tiddependi fuq il-qafas legali żviluppat mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (l-“HCCH”), f'konformità mal-prinċipju tal-multilateraliżmu. Madankollu, l-Alġerija mhijiex membru tal-HCCH u s'issa rrifjutat li taderixxi mal-konvenzjonijiet ewlenin tagħha.
- (7) Għalkemm l-Alġerija mhijiex membru tal-HCCH u ma aderixxietx mal-konvenzjonijiet ewlenin tagħha, l-abbozz ta' ftehim jidher li huwa fil-biċċa l-kbira ispirat mis-sistema stabbilita mill-Konvenzjonijiet ta' The Hague u mil-leġislazzjoni tal-Unjoni adottata dwar l-istess kwistjonijiet.

- (8) ***Uħud*** mill-kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija jaffettwaw l-acquis ***rilevanti*** tal-Unjoni ***dwar kwistjonijiet ċivili u kummerċjali***. Konsegwentement, il-kwistjonijiet koperti minn tali impenji internazzjonali jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegożjaw tali impenji, jew jidħlu fihom, biss ***jekk jingħataw setgħa, skont*** l-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ***mil-leġiżlatur tal-Unjoni biex jagħmlu dan, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 81(2) TFUE***.
- (9) Minħabba l-kompetenza tal-Unjoni fil-maġġoranza tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu ttrattati fl-abbozz ta' ftehim bejn Franza u l-Alġerija, jenħtieġ li Franza tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni dwar it-tmexxija tan-negożjati dwar il-ftehim bilaterali. Kemm Franza kif ukoll il-Kummissjoni ser iżommu lill-Kunsill infurmat regolarment bl-iżviluppi.
- (10) Ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-ftehim futur bejn Franza u l-Alġerija neċessarjament jaffettwa l-acquis tal-Unjoni b'mod negattiv. Madankollu, huwa xieraq li jkunu previsti linji gwida ta' negożjar bl-għan li jiżguraw li jiġi minimizzat ir-riskju ta' effetti negattivi bħal dawn.

- (11) *F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.*
- (12) *F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,*

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Franza hija b'dan mogħtija s-setgħa li tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili **u kummerċjali**, dment li jiġu segwiti l-linji gwida ta' negozjar li ġejjin:

- (a) Franza tinforma lill-Alġerija li l-Kummissjoni **tista'** tiegħu sehem fin-negozjati bħala osservatur, u li l-Kummissjoni ser tiġi infurmata bi kwalunkwe progress u bir-riżultati miksuba matul id-diversi stadji tan-negozjati;
- (b) Franza thegħgeġ lill-Alġerija biex tikkunsidra taderixxi mal-konvenzjonijiet ewlenin żviluppati mill-Konferenza ta' The Hague dwar id-Dritt Internazzjonali Privat (il-
“Konvenzjonijiet ta' The Hague”) u tibda analiżi tal-**modi l-aktar adegwati biex jitneħħew l-ostakoli** li żammew lill-Alġerija milli taderixxi mal-Konvenzjonijiet ta' The Hague;
- (c) Franza tinforma lill-Alġerija li, wara l-konklużjoni tan-negozjati, huwa meħtieġ l-ġhoti tas-setgħa mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill qabel ma **Franza** titħalla tikkonkludi l-ftehim;
- (d) Franza tinforma lill-Alġerija li l-ġhoti tas-setgħa mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex jiġi konkluż il-ftehim, wara proposta mill-Kummissjoni, jista' jipprevedi li l-ftehim ikollu validità limitata fiż-żmien, **bil-possibbiltà li jiġi indikat mekkaniżmu ta' tiġdid taċitu fid-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim**;

- (e) *tiddaħħal dispożizzjoni fil-ftehim li tipprevedi denunzja sħiħa jew parzjali tal-ftehim jew sostituzzjoni diretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim fil-każ tal-konklużjoni ta' ftehim sussegwenti bejn l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Alġerija, min-naħa l-oħra, jew l-adeżjoni tal-Alġerija mal-Konvenzjonijiet rilevanti ta' The Hague;*
- (f) tiddaħħal dispożizzjoni fil-ftehim li tgħid li kwalunkwe deċiżjoni rikonoxxuta fi Franza skont il-ftehim ma tistax sussegwentement tiċċirkola fi Stati Membri oħra *skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;*
- (g) *id-dispożizzjonijiet tal-ftehim jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u mal-Konvenzjonijiet ta' The Hague rilevanti;*
- (h) Franza tinforma lill-Alġerija li, skont l-iżvilupp tan-negozjati, jistgħu jkunu meħtieġa linji gwida ta' negozjar oħra fi żmien debitu.

Artikolu 2

Franza għandha twettaq in-negozjati f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

Franza għandha tirrapporta regolarment lill-Kummissjoni dwar il-passi meħuda skont din id-Deċiżjoni u tikkonsultaha fuq bażi regolari. Kull meta l-Kummissjoni titlobha, Franza għandha tirrapportalha bil-miktub dwar it-twettiq u l-eżitu tan-negozjati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President